MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 196/2012

Kawza fil-lista: 23

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici A B tat-12 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Peress illi l-attrici ilha mizzewwga lill-konvenut mid-9 ta' Gunju 1990 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Maria illum ta' 14 il-sena u Gianluca illum ta' 17 il-sena;

2. Peress illi l-konvenut sar hati ta' vjolenza u swat, ingurji gravi, sevizzi u mohqrija lejn martu; u fil-fatt il-mara telqet mid-dar matrimonjali (li wara inbieghet u ir-rikavat inqasam bejn iz-zewg partijiet); dan iz-zwieg gie anke rez impossibli minhabba inkompatibilta ta' karattru.

3. Peress illi l-attrici gabet l-awtorizazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet qed jigi anness bhala Dok B ;

4. Peress li il-konvenut jahdem bhala software developer fit- Teknologija tal-Informazjoni u ghandu qligh konsiderevoli filwaqt li l-attrici taqla' anqas flus minn zewgha u qeghda attwalment thallas ghall-bzonnijiet kollha tat-tfal;

5. Peress illi id-dar matrimonjali inbieghet u kull parti hadet is-sehem taghha u ukoll il-mobbli kollha gew maqsuma bejn il-partijiet.

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandiex din il-Qorti :

l. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba vjolenza u swat, minacci, ingurji gravi, sevizzi, u mohqrija lejn l-attrici maghmula mill-konvenut ai termini tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilta ta' karattru;

2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenut jitlefid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631 , 633 , 633A , 825 , 826 u 827 tal-Kodici Civili u tapplika kontra l-konvenut u favur l-attrici id-disposizjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili;

3. Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b' dan pero li lill-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u jinghatalha lura dak li hi tat lill-konvenut b' donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b' xi titolu iehor;

5. Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, 1ok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-konvenutjidhru minfloku; jew tirratifika il-qasma tal-komunjoni kif din gia saret mill-partijiet.

6. Tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oggetti parafernali li jappartjenu lil-kull wahda mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti tiehu dak li hu parafernali taghha; jew tirratifika dak li gia sar mill-partijiet f'dan is-sens;

7. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f' idejn l-attrici u tordna li kull access tal-konvenut ghall-minuri isir bi qbil mal-minuri u ma jsirx f'cirkostanzi li jistghu jaghmlu hsara morali jew materjali lill-minuri jew b' mod li jfixkel l-istudji tal-istess minuri;

8. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari fil-gimgha ghaliha u ghaz-zewgt itfal minuri skond kif tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti u todnalu ihallas ukoll 1-ispejjez tal-edukazzjoni, tas-sahha u tal-attivitajiet extra kurrikulari tat-tfal.".

Rat ir-risposta tal-konvenut C B li permezz taghha ressaq id-difiza tieghu:-

1. Illi l-konvenut fil-meritu jissottometti li mhuwiex hati ta' vjolenza u swat,ingurji,sevizzi u mohqrija kif allegat martu imma iz-zwieg gie rez impossibli minhabba inkompatibilita ta' karattru u minhabba adulterji ta martu.

2. Illi fil-fatt il-partijiet telqu mid-dar ftit qabel li nbieghet id-dar. Infatti ir-rikorrenti sena qabel qalet li riedet is-separazzjoni u dan bla ebda raguni da parti taghha.

3. Illi l-attrici hi PSD teacher ta' skola tal-Gvern u ghandha paga tajba. Mhux hekk biss imma taqla hafna flus minn lezzjonijiet privati regolari ma studenti barranin u tipprovdi l-akkommodazzjoni ghal dawn l-istess-istudenti barranin. Il-konvenut ried dejjem ihallas il-manteniment ghat-tfal. Infatti kienu saru diversi tentattivi mal-parti 1-ohra fuq dan. Il-konvenut kien offra 300 euros kull erbgha gimghat bhala manteniment ghat-tfal kif ukoll ihallas nofs l-ispejjes tal-edukazzjoni,tas-sahha u attivitajiet extra-kurikulari li huma necessarji izda l-attrici riedet 550 euros (somma esagerata meta wiehedjiehu in konsiderazzjoni il-bzonnijiet tal-konvenut u tat-tfal kif ukoll li l-attrici tahdem u ghandha paga tajba) minhabba l-imsemmija spejjes kull erbgha gimghat u imbaghad nizlet gha1500 euros kull erbgha gimghat. Infatti meta il-partijiet ma ftehmux fuq din is-somma l-avukat tal-attrici insista li il-proceduri quddiem il-medjatrici jieqfu.

4. Jigi sottomess bir-rispett li il-konvenut kien pront li ihallas 300 euros kull erbgha gimghat u nofs l-ispejjes tal-edukazzjoni,sahha u attivitajiet extra kurikulari li huma necessarji u qatt ma irrifjuta li ihallas ghal dawn.

5. Illi mhu vera xejn kif allegat l-attrici fin-nota taghha li il-missier jonqos milli jikkomunika mat-tfal. Il-konvenut waqt il-medjazzjoni u anke wara talab kemm il-darba lill-attrici biex tibghat ghandu it-tfal halli jarawh. Izda ghal ta xejn. Il-missier ,(il-konvenut) kien zamm contact maghhom permezz tal-mediums tal-internet u sms bil-mobile u telefonati.

6. Jigi sottomess bir-rispett ukoll li id-dokument prezentat permezz ta nota intitolata "A list of expenses per child every 4 ( four) weeks" hija esagerata u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi rigward l-affarijiet tal-komunjoni tal-akkwisti dawn kienu diga de facto mqassmin bejn il-partijiet u anke 1-affarijiet l-ohra li ma jidhlux fil-komunjoni tal-akkwisti u ghaldaqstant il-konvenut qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex joghgobha tordna "the Cessation of the Community of Acquests" waqt il-proceduri tal-kawza ta separazzjoni u dana skond l-artikolu 55 tal-Kodici Civili taht dawk il-provvedimenti xierqa li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

8. Illi l-kura u il-kustodja taz-zewgt itfal ghandha tigi fdatha lill-konvenut u mhux lill-attrici u dan principalment minhabba adulterji u anke minhabba l-eta taghhom li ghandhom 14 il-sena it-tifla u it-tifel ghandu 17 il-sena ghaliex huma ikunu qed jifhmu x' qed jigri bejn l-attrici u ohrajn.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-3 ta’ Settembru 2013 li jaqra kif gej:-

Illi f’din il-kawza il-partijiet pratikament gia qasmu kollox - kemm il-mobbli kif ukoll l-immobbli, Huma bieghu l-akbar assi li kellhom u cioe id-dar matrimonjali f' April 2012. Huma gia qasmu ukoll il-flus ta' din id-dar - kull parti hadet l-ghamara li kienet tispetta lilha skont pjan ta' qasma li ghamlu bejniethom.

Illi intant iz-zewg partijiet jahdmu it-tnejn b' mod full time. Ebda parti ma thallas

manteniment lill-parti l-ohra. Il-partijiet ghandhom zewgt itfal u peress li it-tfal qedin mal-omm il-konvenut qed ihallas lill-omm manteniment ta' Euro 400 kull erba' gimghat, il-konvenut obbligat ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u tas-sahha tat-tfal;

Illi sabiex il-partijiet ma jkollhornx aktar problemi bejniethom f' dak li huma akkwisti b' mod immedjat anke qabel ma tinghata is-sentenza finali fuq it-talbiet l-ohra;

Illi gia hemm bizzejjed provi u ghall-inqas tezisti inkompatibilita ta' karattru kbira bejn il-partijiet.

Illi fit-tielet talba fir-rikors guramentat maghmul mill-attrici hi qed titlob lil dina 1-Onorabbli Qorti sabiex: "Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet"; din it-taiba tista tigi milqugha sabiex il-partijiet ikunu jistghu jimxu l-quddiem b'hajjtihom.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tiddeciedi minn issa it-tielet talba fir-rikors guramentat permezz ta' sentenza parzjali appuntu dwar din it-tielet talba biss u dan builli tilqa it-talba u tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti.

Rat ir-risposta tal-konvenut tas-17 ta' Settembru 2013 li jaqra kif gej:-

1. Illi l-konvenut jaqbel mat-talba tal-attrici fl-imsemmi rikors prezentat minnha fi 3 ta' Settembru 2013 illi din l-Onorabbli Qorti taqta u tiddeciedi it-tielet talba fir-rikors gurament cioe tilqa it-talba u tordna it-tmiern u ix-xoljiment tal-kornunjoni tal-akkwisti permezz ta' sentenza parzjali.

2. Illi l-esponent jissottometti illi qabel xejn jehtieg li din l-Onorabbli Qorti ikollha quddiemha il-fatti kollha dwar 1-akkwisti li ghadhom pendenti bejniethom cioe dwar il-vetturi; id-dejn jekk hemm dejn; dwar ir-rigali; l-arretrati tat-taxxa; il-krediti ta taxxa ; penali jew citazzjonijiet rigward il-vetturi taghhom; dwar kontijiet u investitmenti; dejn ta karti ta' kreditu u ta' debitu.

3. Ghaldaqstant l-esponentjissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li il-partijiet f'seduti quddiem l-Assistenza Gudizzjarja jinformaw lill-Qorti dwar il-posizzjoni ta' dawn l-affarijiet li ghadhom pendenti sabiex tkun tista tasal ghad-decizjoni parzjali taghha, bl-ispejjez.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2014.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza limitatament fir-rigward tat-tielet talba attrici.

Ikkunsidrat;

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet dwar jekk il-Qorti ghandiex f'dan l-istadju tal-kawza tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. It-tnejn qed jaqblu li l-Qorti ghandha x-xolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u dan bla pregudizzju ghall-pendenzi l-ohra ta' bejn il-partijiet .

Ikkunsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' konjugi, l-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.

Ladarba l-partijiet qeghdin jaqblu li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi terminata f'dan l-istadju, mhux mehtieg li l-Qorti tindaga jekk b'tali pronunzjament il-konvenut hux ser ibati pregudizzju. Fi kwalunkwe kaz, ezami tal-artikolu 55 juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza *in parte* ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bhala ostakolu ghall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inciz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti

qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "pregudizzju mhux proporzjonat".

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------